*sabiex tassigura li ssir ġustizzja mal-partijiet li jidhru quddiemha, hija teżamina l-provi li jkunu tressqu quddiem l-ewwel Qorti, mhux sabiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni li tkun diġà ġiet eżerċitata mill-ġudikant fl-ewwel istanza ma' dik tagħha, iżda sabiex tassigura li l-ebda inġustizzja manifesta ma titwettaq – minħabba nuqqasijiet fil-kwalità u fil-kwantità tal-provi miġjuba, l-Qorti jkollha tirrikorri għas-sustanza tax-xhieda tal-uniku xhud indipendenti li tressaq mill-partijiet – fi proċeduri ta' din ix-xorta l-Qorti toqgħod fuq il-bilanċ tal-probabbilitajiet ta' dak li seħħ, għaliex f'xenarju fejn il-pożizzjoni tal-partijiet rispettivi hija daqstant konfliġġenti u kontrastanti, il-Qorti trid tiddeċiedi xorta waħda fuq dak li jirriżulta mill-atti*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-24 ta' Jannar, 2024

Appell Inferjuri Numru 94/2018 LM

**Alfred Schembri (K.I. nru. 459490M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Soutwin Properties Limited (C 40933)**
*('is-soċjetà appellanta')*

**Il-Qorti,**

## <u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Soutwin Properties Limited (C 40933)** [hawnhekk 'is-soċjetà appellanta'], minn sentenza tal-Qorti

tal-Maġistrati (Malta) [minn issa ’l quddiem ‘l-ewwel Qorti’], tat-22 ta’ Frar, 2023, [minn issa ’l quddiem ‘is-sentenza appellata’], li permezz tagħha l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrent **Alfred Schembri (K.I. nru. 459490M)** [hawnhekk ‘l-appellat’] safejn din tikkonċerna l-ammont ta’ elf u ħames mitt Euro (€1,500) imħallsa bħala depożitu akkont ta’ xogħol ta’ finituri lil kumpannija terza, filwaqt li laqgħet ir-rimanenti parti tat-talba tar-rikorrent, u b’hekk ikkundannat lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrent l-ammont ta’ ħdax-il elf u ħames mitt Euro (€11,500), bl-imgħax b’effett mit-8 ta’ Marzu, 2018, filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà intimata safejn inkompatibbli mal-kumplament tad-deċiżjoni tagħha.

## Fatti

2. Permezz tar-rikors promotur, ir-rikorrent spjega li huwa istitwixxa dawn il-proċeduri sabiex is-soċjetà intimata tiġi ikkundannata trodd lura l-ammont globali ta’ tlettax-il elf Euro (€13,000), kwantu għall-ammont ta’ ħdax-il elf u ħames mitt Euro (€11,500) imħallas lis-soċjetà intimata fuq konvenju rigwardant it-trasferiment ta’ appartament fiz-Zurrieq li sar fis-7 ta’ Awwissu, 2017 quddiem in Nutar Reuben Debono, kif ukoll is-somma ta’ elf u ħames mitt Euro (€1,500.00) rapprezentanti depożitu mħallas lis-soċjetà intimata konteswalment mal-konvenju akkont ta’ xogħol ta’ finituri fl-istess appartament li kellha tagħmel is-socjetà intimata. Dan id-depożitu tħallas akkont tal-prezz globali ta’ mija u ħmistax-il elf Euro (€115,000) tal-appartament ġebel u saqaf. Dan l-appartament ġie identifikat bħala mingħajr numru ufficjali u mingħajr isem, internament immarkat numru tlieta (3), fit-tielet sular (*second floor level*) aċċessibbli minn Triq is-Sienja, iż-Żurrieq

[hawnhekk 'il-appartament']. Il-perijodu ta' validità tal-imsemmi konvenju skada fil-15 ta' Diċembru, 2017 mingħajr ma ġie mġedded jew estiż mill-partijiet u mingħajr ma ġew intavolati l-proċeduri ġudizzjarji neċessarji għall-eżekuzzjoni tal-obbligi naxxenti minn dan il-konvenju. Ir-rikorrent spjega li minkejja li huwa nterpella lis-soċjetà intimata sabiex tirrifondilu dan l-ammont ta' flus, din baqgħet inadempjenti u kien għalhekk li huwa kellu jipproċedi b'kawża.

3. Is-soċjetà intimata wieġbet li hija mhijiex leġittima kontradittriċi fir-rigward tat-talba tar-rikorrent għall-ħlas ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500), u li l-mertu ta' din il-kawża jinsab inkluż u jinċidi fuq il-metu ta' kawża separata fl-ismijiet '**Alfred Schembri (K.I. nru. 459490M) *vs.* Johann Schembri (K.I. nru. 556577M), u Jocas Limited (C 66963) u Soutwin Properties Limited (C 40933)**'. Is-soċjetà intimata eċċepiet ukoll li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda.

## Is-Sentenza Appellata

4. Permezz tas-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti fit-22 ta' Frar, 2023, ġie deċiż li t-talba tar-rikorrenti rigward l-ammont ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500) li tħallsu lil terzi għandha tiġi miċħuda, filwaqt li laqgħet il-kumplament tat-talba tar-rikorrent u kkundannat lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrent is-somma ta' ħdax-il elf u ħames mitt Euro (€11,500) bl-imgħax mit-8 ta' Marzu, 2018 sad-data tal-ħlas effettiv, filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà intimata, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Ikkunsidrat:***

*Illi fir-rigward tat-talba tar-rikorrent għar-rifużjoni tas-somma ta' €1,500.00 imħallas minnu akkont ta' xogħlijiet ta' finituri ma' kumpannija terza, u ċioe Jocas Limited, li ma hijiex parti f'dawn il-proċeduri, din il-Qorti tqis li ma jista' jkun hemm l-ebda eżitu ieħor għajr li din il-parti tat-talba tiġi skartata, dejjem salv id-dritt tar-rikorrent li jaġixxi kontra l-leġittimu kontradittur għal dan l-ammont jekk iqis li għandu jagħmel hekk.*

*Illi issa jmiss li l-Qorti teżamina l-kumplament tat-talba tar-rikorrent u ċioe dik għar-rifużjoni tas-somma ta' €11,500.00 rappreżentanti depożitu mħallas lis-soċjetà intimata fuq konvenju rigwardanti t-trasferiment ta' appartament fiż-Żurrieq li sar nhar is-7 t'Awwissu, 2017.*

*Illi kif sewwa jissottometti r-rikorrent, mill-eżami tal-fatti magħmul minn din il-Qorti, jirriżulta li dan il-konvenju skada mingħajr ma sar il-bejgħ u mingħajr ma ħadd mill-partijiet ma ħa l-passi kontemplati fil-liġi (fn. 23 senjatament l-Artikolu 1357 tal-Kodiċi Ċivili) sabiex jeżiġi l-eżekuzzjoni tal-istess konvenju.*

*Illi skont ġurisprudenza kostanti (fn. 24 vide* ***Gloria Pont vs J.L.J. Construction Company Limited*** *(Appell Ċivili Superjuri, deċiża fl-1 ta' Frar, 2008) u* ***Joseph Cauchi vs Anthony Vassallo*** *(Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża fil-11 ta' Diċembru, 2003)* inter alia*) meta konvenju jiskadi mingħajr ħadd mill-kontendenti ma jimplimenta l-konvenju fit-terminu tal-validità tiegħu u lanqas ma jieħu l-miżuri ġudizzjarji li trid il-liġi biex jiġu infurzati d-drittijiet u l-obbligi reċiproki stipulati fil-konvenju, ifisser li l-partijiet jirritornaw għall-*istatus quo ante. *Għalhekk, il-kompratur jista' jitlob lura mingħand il-venditur id-depożitu li jkun ħallas fuq il-konvenju. Essenzjalment, din il-parti tal-azzjoni tar-rikorrent f'dawn il-proċeduri hija talba ta' din ix-xorta.*

*Illi s-soċjetà intimata tilqa' għat-talba tal-attur billi ssostni li din hija* "infondata fil-fatt u fid-dritt" *u b'hekk ma tatx eċċezzjoni speċifika u determinata fuq għalfejn, fil-fehma tagħha, dak li qed jippretendi r-rikorrent, ma għandux mis-sewwa. F'tali rigward, din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax dwar in-natura tassew ġenerika tal-azzjoni sollevata mis-soċjetà intimata u dana għaliex, kif inhuwa risaput, il-ġudikant huwa marbut li jindirizza l-kawża entro l-parametri stretti ta' dak li jkun ġie mitlub u l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut. F'dan il-każ il-konvenut eċċepixxa sempliċement li t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Illi fil-kawża fl-ismijiet* ***GO p.l.c. v. Carmelo Bonello*** *(deċiża fit-18 ta' Frar, 2008), din il-Qorti kif diversament preseduta ikkummentat li tali eċċezzjoni hija effettivament "****eċċezzjoni ġenerika*** *illi huwa nfondat imma għaliex kellu jkun infondat ma rriżultax" u għaddiet biex tiċħad tali eċċezzjoni.*

*Fil-kawża fl-ismijiet* ***Dr Jean Karl Soler v. Ministru għas-Saħħa*** *(deċiża fil-5 ta' Novembru, 2020), it-Tribunal għal Talbiet Żgħar esprima ruħu dwar l-effetti ta' tali eċċezzjoni ġenerika u vaga għall-aħħar bħall-unika eċċezzjoni mressqa mill-konvenuta f'dawk il-proċeduri wkoll:*

> "Huwa ferm wisq faċli li konvenut f'kawża jagħti difiża/eċċezzjoni waħda ġenerika u jistenna – jew jippretendi – illi t-Tribunal joqgħod jispigola ġewwa l-provi rakkolti matul il-proċediment jew ifittex qalb l-eventwali sottomissjonijiet sabiex ilibbes lil tali difiża/eċċezzjoni ġenerika b'libsa partikolari. Dan m'għandux ikun hekk. Hekk kif il-parti attriċi għandha turi sew u ċar x'qed titlob, il-kompitu tal-parti konvenuta hija li tindividwa sew għaliex u kif qed tirreżisti istanza. (...) Għalhekk, jekk il-konvenut ried xi ħaġa partikolari biex il-qagħda tiegħu tiġi aġevolata jew biex minnha jieħu xi vantaġġ, hu kien mistenni jartikola ħsibijietu b'mod idoneju u b'manjiera ċara fil-mument appożitu (i.e. fl-eċċezzjonijiet) u mhux li jkun ritwalment ġeneriku, vag u/jew ekwivoku u informalment jikkristallizza d-difiża tiegħu man man li jieħu sura l-proċediment jew fis-sottomissjonijiet finali."

*Illi fis-sentenza fl-ismijiet* ***Gabriel Parnis et vs Joseph Cucciardi et*** *(deċiża fis-16 ta' April, 2004), il-Qorti tal-Appell irribadiet li:*

> "Għalkemm ix-xjenza legali tista' twassal biex l-impostazzjoni tal-premessi u t-talbiet fl-att taċ-ċitazzjoni, kif ukoll l-eċċezzjonijiet fin-nota tal-konvenut isiru b'ċerta teknika u ħila, dan ma jfissirx li parti f'kawża għandha titħalla tbiddel impenement att proċedurali f'espedjent ta' mera konvenjenza jew, agħar u agħar, fi strataġemma intiża biss biex tinnewtralizza l-azzjoni istitwita kontriha mill-parti l-oħra. Fi kliem aktar sempliċi, kull parti għandha d-dmir li tkun veritiera u lejali lejn il-Qorti u lejn il-parti avversarja fl-interess suprem tal-ġustizzja."

*Illi fid-dawl tal-premess, il-Qorti ser tqis il-provi miġjuba quddiemha u s-sottomissjonijiet magħmula mill-partijiet.*

*Illi l-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet f'dawn il-proċeduri huma djametrikament konfliġġenti u l-eżami li hija msejħa biex tagħmel din il-Qorti f'dan l-istadju huwa liema verżjoni, fuq bażi ta' probabbiltajiet, hija l-aktar verosimili.*

*Illi għalkemm is-soċjetà intimata ma qajmitx eċċezzjoni formali f'dan is-sens, mix-xhieda ta' Johann Schembri, l-uniku direttur tagħha, il-Qorti tislet li huwa qed jallega li mhuwiex veru li r-rikorrent irritorna ċ-ċekkijiet tal-paga li jkopru l-ammont tad-depożitu tal-konvenju għax dawn iċ-ċekkijiet kienu ssarrfu. Effettivament, Johann Schembri, bħala rappreżentant tas-soċjetà intimata allura allega li kien sar il-pagament dovut lir-rikorrent. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, hawn kien jispetta*

*lis-soċjetà intimata li sabiex twaqqa' t-teżi tar-rikorrent iġġib prova li ċ-ċekkijiet in kwistjoni, u ċioe dawk minn Awwissu 2017 lura, fil-fatt kienu ġew imsarrfa. Il-Qrati tagħna jgħallmu li* "fejn konvenut jikkontraponga difiża bażata fuq ħlas bi kwalsiasi mod l-oneru tal-prova tal-pagament jew kompensazzjoni hu fuq id-debitur konvenut li jallegah. Hu wkoll ġeneralment aċċettat illi f'każ ta' dubju dan kellu jkun riżolt favur l-attur kreditur li ma kellux dan l-istess oneru". *(fn. 25 Vol. XXXV P.III p. 604) Ladarba r-rikorrent qed jallega t-tpaċija ta' djun reċiproki, is-soċjetà intimata hija mistennija li tipprova li hija ma kellha tagħti xejn lir-rikorrent u li allura ma kienx hemm krediti reċiproki x'jiġu kumpensati. (fn. 26 L-artikolu 1196 tal-Kodiċi Ċivili jtenni li* "... (1) meta tnejn min-nies huma debitur lejn xulxin, issir bejniethom tpaċija ... (2) it-tpaċija ssir ipso jure, u wkoll mingħajr ma jkunu jafu d-debituri. Hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed, jinqatlu wieħed bl-ieħor sa fejn ikunu ndaqs."*)*

*Illi fatt importantissimu huwa li fil-konvenju, is-soċjetà intimata, tramite l-uniku direttur tagħha – l-istess Johann Schembri – fir-rigward tal-prezz tal-appartament imwiegħed lir-rikorrent, iddikjarat li "*liema prezz ser jitħallas **in kwantu għal ħdax-il elf u ħames mitt Euro (€11,500.00) preżenzjalment bħala depożitu akkont tal-prezz direttament lill-venditur li jaċċetta u jħalli d-debita riċevuta.** Bilanċ mal-kuntratt finali." *Din id-dikjarazzjoni ġġib piż li ma jistax jiġi faċilment skartat, speċjalment fil-kuntest ta' provi oġġettivi oħrajn in atti, inkluż ix-xhieda tan-Nutar Reuben Debono li assista waqt l-iffirmar tal-konvenju. Dan xehed li kien jaf li qed issir* set-off *minn dak li qalu l-partijiet stess quddiemu, partikolarment l-istess Johann Schembri li kien qal* "x'nagħmel? Ngħaddilu l-flus imbagħad nerġa' neħodhom lura?". *Din ix-xhieda tan-Nutar Debono jikkuntrasta ma' dak li xehed Johann Schembri (wara li r-rikorrent kien għalaq il-provi).*

*Illi skont il-ġurisprudenza nostrana (fn. 27* ***Joseph Tonna vs Philip Azzopardi*** *(Appell Ċivili Inferjuri, deċiż 12 ta' April, 2007), in materja ta' provi, ġie diversi drabi ritenut illi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn:-*

> "(i) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu *(actor incumbit probatio),* sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża tal-attur *(reus in excipiendo fit actor).*
>
> (ii) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista' jkun ġie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-teżi tal-attur hija sostenuta'.

*Illi l-verżjonijiet rispettivi tal-partijiet f'din il-vertenza huwa dijametrikament opposti għal xulxin. Il-Qrati tagħna jgħallmu li:*

> "il-konflitti ta' provi huma ħaġa li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabiltajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant" (***Farrugia vs Farrugia**, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 24 ta' Novembru, 1966, Vol. XXXVI, P.I, p. 319)"*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* **Adam Bugeja vs Charles Falzon et**, *(Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 23 ta' Ottubru, 2013), il-Qorti tgħid li:*

> *"*fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet."

*Illi l-Qorti minn issa tissenjala li ma hija xejn konvinta mill-veraċità tax-xhieda ta' Johann Schembri, partikolarment dik mogħtija minnu in kontro-eżami, fejn tista' tgħid li ma wieġeb b'mod sodisfaċenti għall-ebda domanda magħmula lilu u kien evażiv għall-aħħar, speċjalment fuq l-aktar elementi ċentrali għall-mertu ta' din il-vertenza.*

*Illi mill-banda l-oħra, fil-fehma tal-Qorti, permezz tal-provi mressqa mir-rikorrent, huwa rnexxielu jipprova li huwa effettivament ħallas lis-soċjetà intimata s-somma ta' €11,500.00 bħala depożitu akkont tal-prezz tal-appartament imwiegħed lilu u dan permezz ta' tpaċija ma' ammonti dovuti lilu. Il-Qorti tifhem li r-rikorrent ma kienx strettament impjegat mas-soċjetà intimata Soutwin Properties Limited u li saħansitra f'diversi istanzi l-pagi tiegħu kienu jitħallsu permezz ta' ċekkijiet maħruġa kontra kont personali ta' Johann Schembri, iżda mill-provi ħareġ biċ-ċar li (i) Johann Schembri kien il-figura ċentrali wara l-kumpanniji Soutwin Properties Limited u Jocas Limited fis-sens li kienu l-uniku azzjonist u direttur rispettivament u li (ii) kienet is-soċjetà intimata Soutwin Properties Limtied li b'mod liberu, fuq il-konvenju iddikjarat li qed taċċetta l-ħlas preżenzjali ta' €11,500.00 u ħalliet debita riċevuta ta' dan l-ammont.* In ogni caso*, in-nuqqas ta' segregazzjoni bejn l-affari taż-żewġ kumpanniji u dawk tiegħu personali kienu għażla ta' Johann Schembri nnifsu u l-massima antika tgħallem li* commodum ex injuria sua nemo habere debet. *Il-Qorti għalhekk qed tqis li saret tpaċija u*

*għalhekk, is-soċjetà intimata, kif wara kollox iddikjarat hija stess, kienet tħallset is-somma ta' €11,500.00 mir-rikorrent bħala depożitu fuq il-konvenju, liema ammont illum irid jiġi rifuż stante li l-bejgħ baqa' ma sarx u l-konvenju tilef il-validità tiegħu.*

***DECIDE***
***Għaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi għall-motivi kollha hawn fuq spjegati, filwaqt li tiċħad it-talba tar-rikorrent safejn din tikkonċerna l-ammont ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500.00) imħallsa bħala depożitu akkont ta' xogħol ta' finituri lil kumpannija terza, tilqa' l-parti rimanenti tat-talba u b'hekk tikkundanna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas lir-rikorrent is-somma ta' ħdax-il elf u ħames mitt Euro (€11,500.00) bl-imgħax mit-8 ta' Marzu, 2018. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata kif inkompatibbli ma' dak hawn deċiż.***

***L-ispejjeż jitħallsu in kwantu ta' terz mir-rikorrent u żewġ terzi mis-soċjetà intimata."***

## L-Appell

5. Is-soċjetà intimata ressqet l-appell tagħha mis-sentenza appellata permezz ta' rikors tal-appell datat it-23 ta' Marzu, 2023, li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti tikkonferma l-parti tad-deċiżjoni li permezz tagħha ġiet miċħuda t-talba tar-rikorrent appellat safejn din tikkonċerna l-ammont ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500.00) imħallsa bħala depożitu akkont ta' xogħol ta' finituri lil kumpannija terza; kif ukoll tirriforma parzjalment is-sentenza appellata, in kwantu laqgħet ir-rimanenti talbiet tar-rikorrent u kkundannat lis-soċjetà intimata tħallas lill-appellat is-somma ta' ħdax-il elf u ħames mitt Euro (€11,500.00) bl-imgħax mit-8 ta' Marzu, 2018, u ċaħdet l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata kif inkompatibbli mal-kumplament tad-deċiżjoni, u tvarjaha billi minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellanta u tiċħad it-talbiet tal-appellat.

6. Is-soċjetà appellanta qalet li l-aggravju tagħha huwa ċar u manifest, billi l-ewwel Qorti ma afferratx kif jixraq il-provi prodotti u għamlet valutazzjoni fattwali u legali errata tagħhom, u għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti kif imressqa quddiemha mill-partijiet, u interpretat b'mod żbaljat ċerti aspetti ġuridiċi tal-vertenza li kellha quddiemha. Is-soċjetà appellanta qalet li minkejja li solitament Qorti ta' reviżjoni ma tindaħalx fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni eżerċitata mill-ewwel Qorti, tali diskrezzjoni tiġi eżerċitata meta l-Qorti ta' Reviżjoni ssib li l-valutazzjoni effettwata mhix waħda loġika u koerenti mal-elementi tal-provi attendibbli, speċjalment fejn dik il-valutazzjoni toħloq inekwità u inġustizzja mal-parti telliefa. Is-soċjetà appellanta qalet li d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti tista' tiġi riveduta fejn jinstab li l-ewwel Qorti ma tkunx ipprestat attenzjoni adegwata lill-mertu tal-każ, jew fejn l-eżerċizzju tal-poter diskrezzjonali jkun għal kollox nieqes mir-raġuni jew meta l-konklużjoni milħuqa tkun waħda illoġika. Is-soċjetà appellanta qalet li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi miġjuba quddiemha, u dan l-iżball fl-apprezzament tal-provi wassal għal inġustizzja manifesta.

7. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija kienet obbligat ruħha li tbiegħ l-appartament lill-appellat Alfred Schembri, li kien obbliga ruħhu li jixtri u jakkwista l-appartament bil-prezz ta' €115,000 u dan permezz ta' konvenju tas-7 t'Awwissu, 2017 fl-atti tan-Nutar Reuben Debono. Qalet li peress li l-appellat kien ser jieħu self bankarju biex ikun jista' jagħmel dan, fuq il-konvenju kellu jitniżżel li kien sar ħlas ta' depożitu ta' 10%, ekwivalenti għal €11,500, u għalhekk ġie ddikjarat li l-appellat kien qiegħed iħallas depożitu ta' €11,500 preżenzjalment fuq il-konvenju, għalkemm dan l-ammont qatt ma tħallas. Is-soċjetà appellanta qalet li l-appellat kien impjegat ma' Jocas Limited, li hija

kumpannija oħra li tagħha Johann Schembri huwa direttur, u li kien hemm ftehim li Jocas Limited kellha tgħaddi l-paga permezz ta' *cheque* lill-appellat, l-appellat jiddepożita dan iċ-*cheque* fil-bank, u mal-kuntratt finali l-appellat kellu jgħaddi l-ammont sħiħ lis-soċjetà appellanta. Is-soċjetà appellanta qalet li dan ma sarx għaliex il-konvenju laħaq skada. Qalet ukoll li wara l-iskadenza tal-konvenju, l-appellat ittermina l-impjieg tiegħu mas-soċjetà Jocas Limited, filwaqt li beda litiġju ma' Johann Schembri u mas-soċjetajiet ikkontrollati minnu sabiex jieħu ammonti li mhumiex dovuti lilu, fosthom il-proċeduri odjerni sabiex jitħallas ammont rappreżentanti depożitu fuq konvenju li effettivament qatt ma kien tħallas minnu. Is-soċjetà appellanta qalet li l-ewwel Qorti evalwat dawn il-fatti, iżda waslet għal konklużjonijiet żbaljati.

8. Is-soċjetà appellanta qalet li minkejja li l-eċċezzjoni tagħha hija waħda ġenerika, dan ma jfissirx li din mhix eċċezzjoni valida jew li din għandha tiġi skartata. Qalet li l-attur f'kawża jrid jipprova dak li jallega fir-rikors promotur tiegħu, filwaqt li l-konvenut irid jipprova juri għal liema raġuni t-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt, kif effettivament sar fil-każ odjern fejn ġie ppruvat li t-talba tal-appellat hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li dan qatt ma ħallas id-depożitu u ma kien hemm l-ebda ammont li kellu jiġi rifuż lura. Is-soċjetà appellanta qalet li fis-sentenza fl-ismijiet **GO plc *vs.* Carmelo Bonello** iċċitata mill-Ewwel Qorti, l-eċċezzjoni kienet ġiet miċħuda mhux għaliex kienet waħda ġenerika, iżda għaliex il-parti intimata ma ressqet l-ebda prova li turi li t-talba tal-parti rikorrenti kienet infondata, filwaqt li l-parti li fetħet il-proċeduri kienet ressqet provi li jippruvaw it-talba tagħha. Is-soċjetà appellanta qalet li s-sentenza fl-ismijiet **Dr Jean Karl Soler *vs.* Ministru għas-Saħħa** li ġiet ukoll iċċitata mill-ewwel Qorti, hija differenti ferm minn dik odjerna, għaliex minkejja

l-eċċezzjoni ġenerika mqajjma mill-parti intimata, li allegat li l-ammont mhux dovut għaliex kien hemm penali x'jitħallsu mir-rikorrent lill-intimat li jissuperaw l-ammont mitlub fil-kawża. Is-soċjetà appellanta qalet li f'dik is-sentenza ngħad li sabiex tirnexxi d-difiża tal-parti intimata, ma kellhiex tinġieb eċċezzjoni ġenerika biss, iżda din kellha tkun segwita b'kontro-talba li permezz tagħha l-intimat jitlob il-penali dovuta lilu mir-rikorrent. Qalet li dak il-każ kien differenti minn dak odjern, għaliex hawn si tratta ta' sitwazzjoni fejn is-soċjetà intimata qiegħda tgħid li t-talba tar-rikorrent hija infondata għaliex dan ma kienx ħallas id-depożitu fuq il-konvenju. Is-soċjetà appellanta qalet li lanqas is-sentenza fl-ismijiet **Gabriel Parnis et *vs.* Joseph Cucciardi et** ma tapplika għall-kawża odjerna, u dan għaliex il-parti tas-sentenza kkwotata ngħatat fl-ambitu ta' żewġ eċċezzjonijiet li kienu konfliġġenti u kontradittorji bejniethom.

9. Dwar il-mertu, is-soċjetà appellanta qalet li fejn l-ewwel Qorti qalet li hija kellha ġġib prova li ċ-ċekkijiet minn Awwissu 2017 lura kienu ġew imsarrfa, l-ewwel Qorti uriet li ma afferratx u ma fehmitx dak li xehed dwaru d-direttur tagħha Johann Schembri, u dak li effettivament irriżulta mill-provi. Spjegat li hija imkien ma allegat li kien hemm tpaċija ta' djun reċiproċi, u kien l-appellat li f'parti tal-*affidavit* tiegħu qal li l-ħlas kollu tal-appartament, inkluż id-depożitu kellu jsir fl-aħħar bi tpaċija ma' xogħlijiet, u għalhekk kien hemm ammissjoni da parti tiegħu li d-depożitu qatt ma tħallas. Is-soċjetà appellanta qalet li mill-provi ma jirriżultax li hija ma tridx tħallas minħabba tpaċija reċiproka ta' djun.

10. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li l-appellat qiegħed jitlob rifużjoni ta' depożitu allegatament imħallas fuq konvenju u fuq skrittura ta' appalt, u għalhekk kien jinkombi fuq l-appellat li jipprova li huwa ħallas l-ammont li

tiegħu qiegħed jitlob ir-rifużjoni, in vista tal-massima li min jallega jrid jipprova. Is-soċjetà appellanta qalet li min-naħa l-oħra hija spjegat, permezz tad-direttur tagħha, li ebda ammont ma huwa dovut għaliex l-appellat ma ħallasx id-depożitu fuq il-konvenju, u mhux għaliex kien hemm xi djun reċiproċi. Qalet li huwa minnu li dokument jikkostitwixxi prova tal-kontenut tiegħu, iżda jistgħu jiġu ammessi provi kontra dak iskritt, jekk l-att iskritt ma jirrispekkjax dak li seħħ fil-verità. Is-soċjetà appellanta qalet li filwaqt li n-Nutar Reuben Debono niżżel fil-konvenju li d-depożitu ngħata għaliex kienet qiegħda ssir tpaċija, in-Nutar Debono spjega li l-klawsola in kwistjoni tniżżlet fil-konvenju fuq struzzjonijiet tal-partijiet, u li quddiemu m'għaddew ebda ċekkijiet jew flus mill-appellat lis-soċjetà appellanta. Is-soċjetà appellanta qalet li din il-parti tax-xhieda tan-Nutar Debono tgiddeb lill-appellat, għaliex filwaqt li dan tal-aħħar jgħid li ċ-ċekkijiet u l-flus għaddew quddiem in-Nutar Debono, in-Nutar Debono qal li dakinhar tal-konvenju ma ra l-ebda flus jgħaddu quddiemu. Is-soċjetà appellanta qalet li mill-provi rriżulta li Alfred Schembri kien impjegat ta' Jocas Limited u mhux tagħha, kif jirriżulta mix-xhieda tar-rappreżentant tal-JobsPlus. Is-soċjetà appellanta qalet li l-appellat kien tħajjar jixtri appartament fi blokka li kienet qiegħda tibni fiż-Żurrieq, għaliex hu u s-sieħba tiegħu kienu qegħdin jistennew tarbija, u peress li huwa ma kellux flus għad-depożitu u kellu bżonn jieħu self bankarju biex jixtri l-appartament, fil-konvenju kellu jitniżżel li sar ħlas ta' 10% tal-prezz tal-appartament, imma dan l-ammont ma kienx tħallas. Is-soċjetà appellanta qalet li d-direttur tagħha, fix-xhieda tiegħu jispjega kif minħabba s-self bankarju, fil-konvenju kellu jitniżżel li ngħata depożitu, u għalhekk kien hemm ftehim li lin-Nutar Debono jgħidulu li għadda d-depożitu biex ikun jista' jniżżel dan fil-konvenju. Qalet li Johann Schembri xehed li qabel ġie redatt il-

konvenju, il-paga tal-appellat kienet titħallas fi flus kontanti, iżda hekk kif ġie ffirmat il-konvenju u l-appellat kellu bżonn jieħu self bankarju, il-paga kellha bilfors tibda tiġi ddepożitata l-bank. Is-soċjetà appellanta qalet li kien għalhekk li minn Settembru tal-2017, il-paga tal-appellat bdiet titħallas permezz ta' *cheque,* liema *cheque* l-appellat kellu jiddepożita l-bank, iżda finalment kellu jirritorna l-flus ta' dawn il-pagi lis-soċjetà appellanta. Is-soċjetà appellanta qalet li dawn il-flus qatt ma ġew ritornati lilha, u hija ġabet prova kif dawn iċ-ċekkijiet ittieħdu u ssarrfu mill-appellat. Is-soċjetà appellanta qalet li għalhekk l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta qalet li hija kellha ġġib prova li dawn iċ-ċekkijiet minn Awwissu tal-2017 lura ġew imsarrfa, u dan għaliex qabel Awwissu tal-2017, il-paga kienet titħallas lill-appellat fi flus kontanti. Is-soċjetà appellanta qalet li għalhekk l-ewwel Qorti ma setgħetx tgħid li hija kellha ġġib prova ta' dawn iċ-ċekkijiet, meta kien l-appellat stess li allega li huwa għadda lis-soċjetà appellanta l-ammont mitlub minnu billi rritorna ċ-ċekkijiet. Qalet li ladarba l-appellat allega l-ħlas tad-depożitu, kien jispetta lilu li jressaq tali prova, u dan in linea mal-massima legali li min jallega fatt irid jippruvah. Qalet li din il-kawża hija bbażata fuq allegazzjoni magħmula mill-appellat, u għalhekk ladarba l-konvenju ma jirrispekkjax il-verità, l-appellat kellu jipprova l-allegazzjoni tiegħu, jiġifieri li hu effettivament kien ħallas dak id-depożitu b'mezzi oħra.

11. Is-soċjetà appellanta qalet li l-appellat xejn ma kien kredibbli meta qal li l-prezz kollu tal-appartament ta' €130,000, kellu jitħallas fl-aħħar billi jkun hemm tpaċija mal-ispejjeż tal-appalt li kien qiegħed jeżegwixxi l-appellat stess. Qalet li sussegwentement huwa bidel il-verżjoni tiegħu, u qal li huwa radd lura seba' ċekkijiet tal-paga flimkien ma' ammont ta' flus kontanti. L-appellat qal li huwa ta dawn iċ-ċekkijiet u flus dakinhar tal-konvenju quddiem in-Nutar

Debono, iżda ma ġab l-ebda prova ta' dan. Is-soċjetà appellanta staqsiet kif wieħed jista' jemmen li sar ħlas ta' €11,500, imma ma nżammet l-ebda prova ta' dan il-ħlas, meta l-ammont huwa wieħed sostanzjali. Qalet ukoll li n-Nutar Debono, li kien xhud indipendenti, spjega li minkejja li tniżżel li d-depożitu tħallas dakinhar tal-konvenju, u fil-fatt uża l-kelma 'preżenzjalment', dakinhar ma tħallas xejn u n-Nutar Debono kkonferma li dakinhar tal-konvenju la għaddew quddiemu ċekkijiet u lanqas flus kontanti. L-appellat qal ukoll li kien hemm ftehim ieħor dwar id-depożitu li ma tniżżilx fil-konvenju. Is-soċjetà appellanta qalet li n-Nutar Debono ma kkorraborax l-verżjoni tal-appellat, minkejja dak li qalet l-ewwel Qorti. Is-soċjetà appellanta qalet li ladarba nġabet prova li minkejja li fil-konvenju tniżżlet il-kelma 'preżenzjalment', l-istess konvenju tilef kull effikaċja ladarba ġie kontradett bi prova li ma sar ħlas ta' ebda Debono quddiem in-Nutar Debono.

12. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li minkejja li l-ewwel Qorti qalet li ma kinitx konvinta mill-veraċità tax-xhieda ta' Johann Schembri, ma tat l-ebda raġuni għal dan. Is-soċjetà appellanta qalet li minkejja li l-ewwel Qorti qieset li kien hemm tpaċija, din ma tat l-ebda spjegazzjoni dwar għalfejn qieset li kien hemm tpaċija, fiex kienet tikkonsisti din it-tpaċija, u lanqas ma tat spjegazzjoni ta' xi provi tressqu fir-rigward ta' din it-tpaċija. Qalet li min allega li kien hemm tpaċija, kellu jġib prova ta' dan. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li kien l-appellat li allega li kellu jkun hemm xi tip ta' tpaċija, li kellha ssir fl-aħħar meta jiġi ffirmat il-kuntratt, u għalhekk kien hemm ammissjoni ċara da parti tal-appellat li huwa ma għamel l-ebda pagament lis-soċjetà appellanta. Qalet li minkejja li l-appellat xehed li kien għadda lilha ċekkijiet u pagament fi flus kontanti quddiem in-Nutar Debono dakinhar tal-konvenju, din il-verżjoni ma ġietx korroborata mix-xhieda

indipendenti tan-Nutar Debono, li xehed li quddiemu m'għaddew l-ebda flus. Qalet li min-naħa tagħha hija spjegat x'kien ġara, jiġifieri li ladarba Alfred Schembri kellu jieħu self bankarju, fuq il-konvenju bilfors kellu jitniżżel li sar ħlas ta' 10% tal-prezz tal-appartament, u kien għalhekk li minn Settembru tal-2017 il-paga tal-appellat bdiet tingħatalu fil-forma ta' *cheque* minflok fi flus kontanti. Qalet li dawn iċ-ċekkijiet issarrfu u ġew depożitati kollha mill-appellat innifsu.

13. Is-soċjetà appellanta qalet li hija tħossha aggravata għaliex filwaqt li l-ewwel Qorti qalet li ma kinitx konvinta mill-veraċità tax-xhieda ta' Johann Schembri, u filwaqt li ma ngħatat l-ebda spjegazzjoni għal dan, l-ewwel Qorti ma kkummentat xejn dwar il-veraċità tax-xhieda tal-appellat li kienet konfliġġenti u kontradittorja. Is-soċjetà appellanta qalet li Alfred Schembri fl-*affidavit* tiegħu ta żewġ verżjonijiet kontrastanti dwar il-prezz tal-appartament, u dan inċida fuq il-ħlas o meno tad-depożitu. Is-soċjetà appellanta qalet li l-appellat, filwaqt li qal li l-prezz tal-appartament kien ta' €130,000, u li l-ftehim bejn il-partijiet kien li Johann Schembri kellu jnaqqas id-drittijiet spettanti lill-appellat għax-xogħol ta' kostruzzjoni in kwistjoni, li jfisser li ebda depożitu ma tħallas jew ma kellu jitħallas, għaliex it-tpaċija kellha ssir mal-kuntratt finali. Aktar 'l isfel fl-*affidavit* tiegħu, l-appellat qal li huwa ħallas id-depożitu billi rritorna seba' ċekkijiet ta' €1,700 kull wieħed, li kienu jirrappreżentaw il-ħlas tas-salarju tal-impjieg tiegħu dovut lilu, flimkien mal-bilanċ fi flus kontanti. Is-soċjetà appellanta qalet li fil-kontro-eżami tiegħu, l-appellat qal li kien Johann Schembri li kien bagħtu biex jieħu self mill-bank, iżda qalet li din l-istqarrija tiegħu ma ssemmietx qabel fl-*affidavit* tiegħu, u l-appellat semma dan biss fil-kontro-eżami għaliex ġie dahru mal-ħajt, meta fil-verità kien l-appellat li minn jeddu mar jieħu self mill-bank.

14. Is-soċjetà appellanta żiedet tgħid li din il-verżjoni tal-appellat lanqas ma treġi għaliex l-konvenju nnifsu kien suġġett għal *bank loan,* u għalhekk sa mill-bidu tal-ftehim l-appellat kellu jieħu self mill-bank. Qalet li anke n-Nutar Debono kkonferma li l-klawsola tad-depożitu tniżżlet għaliex l-appellat kellu jieħu self mill-bank. Is-soċjetà appellanta staqsiet x'sens jagħmel li l-appellat aċċetta li jieħu self mill-bank sabiex jiffinanzja l-appartament, jekk għas-self mill-bank ried iħallas it-tariffi relattivi tal-bank minbarra l-imgħax, jekk dan l-ammont kien ser jiġi paċut ma' xogħlijiet allegatament ipprestati lil Johann Schembri. L-appellanta staqsiet ukoll x'sens jagħmel li Johann Schembri jitlob lill-appellat jieħu self mill-bank ladarba kien ser ikun hemm din it-tpaċija. Is-soċjetà appellanta qalet li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tgħid li l-appellat irnexxielu jipprova li sar ħlas, meta l-*affidavit* tal-appellat huwa konfliġġenti u kontradittorja, u mhuwiex sostanzjat bi prova konkreta tal-ħlas effettiv, jiġifieri bi prova ċara li quddiem in-Nutar Debono għaddew ċekkijiet u flus, meta l-istess Nutar Debono ma kkonfermax dan.

15. Is-soċjetà appellanta qalet li l-appellat saħansitra allega li huwa ħallas seba' ċekkijiet tal-paga, iżda din il-verżjoni ma treġix lanqas, għaliex sabiex l-appellat ġemma' seba' ċekkijiet tal-paga, dan ifisser li huwa ma sarrafx iċ-ċekkijiet li ngħata għall-perijodu bejn Jannar u Lulju tal-2017. Qalet li l-appellat xehed li madwar xahar u nofs wara li beda jeżegwixxi x-xogħlijiet u meta kien wasal fil-livell tat-tisqif tal-garaxxijiet, kien avviċinah Johann Schembri u staqsieh jekk kienx interessat li jixtri l-appartament, u l-partijiet ftiehmu li l-appellat kellu jixtri l-appartament fi stat *finished* bil-prezz ta' €130,000, liema prezz kellu jitnaqqas mill-ammont dovut lill-appellat skont il-ftehim tal-appalt. L-appellat qal ukoll li kien in vista ta' dan il-ftehim li l-partijiet resqu għall-

iffirmar tal-konvenju fis-7 t'Awwissu, 2017. Is-soċjetà appellanta staqsiet għalhekk kif jista' jkun li l-appellat ġemma' s-seba' ċekkijiet bejn Jannar u Lulju tal-2017, ladarba l-konvenju ġie ffirmat fis-7 t'Awwissu tal-2017. Qalet li għalhekk din il-verżjoni tal-appellat mhijiex kredibbli għaliex hija inkonsistenti maż-żmien li fih ġie miftiehem li ser jixtri l-appartament u sar il-konvenju. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li r-rappreżentant tal-JobsPlus fix-xhieda tiegħu qal li l-kumpannija Soutwin Properties Limited qatt ma kellha impjegati magħha, u Alfred Schembri qatt ma kellu ħaddiema miegħu, iżda kien *self-employed.* Qalet li l-appellat kien impjegat *full-time* ma' Jocas Limited bejn l-1 ta' Mejju, 2016 u l-1 ta' Frar, 2018, u staqsiet kif jista' jkun li l-appellat irritorna ċ-ċekkijiet tal-paga lilha, ladarba huwa kien impjegat ma' Jocas Limited, li kienet il-kumpannija li lilu kienet toħroġlu ċ-ċekkijiet tal-paga. Is-soċjetà appellanta qalet li ladarba l-paga kienet toħroġha Jocas Limited, l-appellat bilfors li kellu jsarraf iċ-ċekkijiet tal-paga biex ikun jista' jgħaddi ammont ekwivalenti lilha, xi ħaġa li ma saritx għaliex qatt ma sar xi pagament favur tagħha, kif ukoll għaliex qabel Settembru 2017, il-paga tal-appellat kienet titħallas fi flus kontanti.

16. Is-soċjetà appellanta qalet li l-appellat ma kienx kredibbli għaliex kien hemm istanzi fejn qal li sarraf iċ-ċekkijiet, iżda f'istanzi oħra qal li rritorna dawn iċ-ċekkijiet lura u anki qal li kien hemm ħlas parzjali bi flus kontanti fl-ammont ta' €1,100. Is-soċjetà appellanta staqsiet ukoll kif jista' jkun li ladarba l-konvenju sar fis-7 t'Awwissu, 2017, l-appellat ħallas €1,100 f'Settembru. Is-soċjetà appellanta qalet li din ix-xhieda mhux talli hija konfliġġenti u inkonsistenti, iżda lanqas ma ġiet korroborata minn xhud indipendenti, jiġifieri min-Nutar Debono. Għalhekk staqsiet kif l-Ewwel Qorti setgħet tasal għall-konklużjoni li l-appellat kien ħallas l-ammont ta' €11,500 bħala depożitu, meta la nġabet prova ta' dan

il-ħlas, u x-xhud indipendenti lanqas ma kkorrabora dan. Qalet li n-Nutar Debono nnifsu kkonferma li din il-klawsola tniżżlet fil-konvenju bil-mod kif tniżżlet minħabba li l-partijiet stess qalulu jagħmel hekk, u minħabba l-esiġenzi tal-bank. Is-soċjetà appellanta qalet li għalhekk, jekk għandu jirriżulta li hemm verżjoni li mhijiex kredibbli, din hija dik mogħtija mill-appellat u mhux mid-direttur tas-soċjetà appellanta Johann Schembri, u għalhekk l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet tilqa' t-talba tal-appellat.

17. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li jekk din il-Qorti tiċħad l-aggravju fil-mertu, hija għandha tiddeċiedi li l-imgħax għandu jibda jiddekorri mid-data tad-sentenza, u mhux b'effett mit-8 ta' Marzu, 2018. Qalet li fl-20 ta' April, 2018, hija ddepożitat l-ammont ta' €13,000 permezz ta' ċedola ta' depożitu in kawtela u bħala garanzija xierqa għall-pretensjonijiet tal-appellat. Spjegat li din iċ-ċedola tifforma parti mill-mandat ta' sekwestru msemmi fl-avviż tal-appellat, u għalhekk ladarba jirriżulta li dan l-ammont ġie depożitat taħt l-awtorità tal-Qorti, hija m'għandhiex tkun kostretta tħallas l-imgħax kif ordnatilha l-ewwel Qorti. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li pendenti l-eżitu tal-kawża, kien hemm diversi differimenti li hija ma kellhiex kontroll fuqhom, fosthom minħabba l-pandemija meta l-Qorti kienet kostretta li ma tkomplix bis-seduti. Qalet li għalhekk hija m'għandhiex tbati minħabba f'dan id-dewmien. L-appellanta qalet li l-ebda imgħax m'huwa dovut ladarba l-ammont ġie depożitat taħt l-awtorità tal-Qorti, u qalet li fi kwalunkwe każ l-imgħax għandu jiġi kkalkulat mid-data tas-sentenza ta' din il-Qorti.

**Ir-Risposta tal-Appell**

18. L-appellat fir-risposta tiegħu qal li s-sentenza appellata hija bbażata fuq apprezzament tajjeb u ġust tal-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti, u fuq interpretazzjoni u applikazzjoni korretta tal-prinċipji legali relattivi. L-appellat qal li s-soċjetà appellanta ressqet biss aggravju wieħed, ibbażat fuq l-apprezzament tal-provi da parti tal-ewwel Qorti. L-appellat qal li meta wieħed jifli l-kontenut tas-sentenza appellata, isibha ferm diffiċli li jerġa' jiftaħ beraħ il-proċess tal-apprezzament tal-provi sottomessi mill-partijiet quddiem l-ewwel Qorti. Qal li għahekk huwa ma jistax jifhem għal liema raġuni s-soċjetà appellanta qiegħda tgħid li l-ewwel Qorti m'għamlitx valutazzjoni loġika u koerenti tal-provi, jew li l-valutazzjoni li saret toħloq inekwità u inġustizzja mal-parti telliefa. L-appellat għamel riferiment għal ġurisprudenza li tgħid li bħala regola, din il-Qorti ta' reviżjoni m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi magħmul minn qorti tal-ewwel grad jekk mhux f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jew meta jintwera li l-apprezzament tal-provi li jkun sar ma jkunx raġonevoli jew mhux mibni fuq il-fatti proċesswali. L-appellat qal li kuntrarjament għal dak riportat mis-soċjetà appellanta, għandu jirriżulta li s-sentenza appellata fiha riassunt veru u proprju tax-xhieda kollha prodotti mill-partijiet, inkluż tal-verżjoni mogħtija mill-appellat innifsu, u tad-direttur ewlieni tas-soċjetà appellanta. Qal li għalhekk uħud mill-"fatti" riportati mis-soċjetà appellanta ma jistgħux jitqiesu bħala fatti tal-każ, jew li dawn kienu suġġetti għal xi apprezzament żbaljat tal-provi mill-ewwel Qorti. L-appellat qal li l-ewwel Qorti kellha l-opportunità tisma' x-xhieda u tevalwa l-komportament tagħhom, u kien wara li qieset il-kontenut tax-xhieda mogħtija, li l-ewwel Qorti qieset li l-appellanta ma kinitx ressqet eċċezzjonijiet speċifiċi biex tilqa' għall-pretensjoni

u għat-talba dedotta mill-appellat. L-appellat qal li dan in-nuqqas ħalla impatt fuq il-valutazzjoni tal-kredibbilità tax-xhieda mogħtija mir-rappreżentant tal-appellanta. L-appellat qal li wara li identifikat in-natura tal-azzjoni tiegħu u wara li għamlet riassunt tal-prinċipji li jirregolaw l-obbligu tar-rifużjoni ta' depożitu mħallas akkont fuq konvenju, l-ewwel Qorti rrimarkat li l-eċċezzjoni tas-soċjetà appellanta hija waħda ġenerika, u sempliċiment kienet tgħid li t-talba tal-attur, hawn appellat, għandha tiġi miċħuda fil-fatt u fid-dritt.

19. L-appellat qal li minkejja li s-soċjetà appellanta qiegħda targumenta li s-sentenzi ċċitati mill-Ewwel Qorti m'għandhom l-ebda rilevanza għall-proċeduri odjerni, xorta waħda jibqa' l-fatt li l-Qrati tagħna diġà esprimew ruħhom dwar il-portata ta' eċċezzjonijiet ġeneriċi li ma jixħtux dawl fuq in-natura vera u proprja tad-difiża li l-parti konvenuta tkun ser tinqeda biha fil-proċeduri. L-appellat qal li wara kollox, l-għażla li wieħed jiddefendi ruħhu mingħajr ma jikkommetti lilu nnifsu għal linja ta' difiża vera u propja, tista' saħansitra titfa' lill-kontroparti fi żvantaġġ proċedurali. Qal li ladarba din tkun parti mill-istrateġija adoperata mill-parti konvenuta, din tista' tiġi vvalutata mill-Qorti fl-isfond tax-xhieda mressqa in sostenn tad-difiża in kwistjoni. L-appellat qal li jista' jkun konvenjenti għall-parti konvenuta li ma tikxifx idejha fil-bidu tal-proċeduri, bil-għan li tkun tista' timmanuvra madwar il-provi mressqa mill-parti l-oħra, sabiex eventwalment toħroġ b'verżjoni ta' fatti li ma tkunx ġiet żvelata lill-parti attriċi.

20. L-appellat qal li fil-każ odjern kien biss waqt l-istadju tal-provi tas-soċjetà appellanta li huwa sar jaf li din qiegħda tipprova tirreżisti għat-talba tiegħu għar-rifużjoni tad-depożitu. Qal li l-qofol tad-difiża tas-soċjetà appellanta,

jiġifieri l-pożizzjoni li temerġi miż-żewġ *affidavits* tar-rappreżentant tagħha Johann Schembri, ma ġietx formalizzata mill-appellanta fir-risposta tagħha, u din baqgħet siekta u stenniet lill-appellat ilesti mix-xhieda tiegħu sabiex toħroġ bl-argumenti tagħha relattivi għall-ħlas tad-depożitu da parti tal-appellat. L-appellat qal li s-soċjetà appellanta kienet ġiet notifikata u tqiegħdet *in mora* permezz ta' ittra uffiċjali ippreżentata mill-appellat fis-16 ta' Frar, 2018, imma hija naqset li tintavola ittra uffiċjali bir-risposta tagħha.

21. L-appellat qal li l-fatt li s-soċjetà appellanta naqset li tifformalizza l-pożizzjoni u d-difiża tagħha fil-mertu fil-bidu tal-proċeduri, għandu jingħata l-piż probatorju li ħaqqu, u għandu jitqies ukoll li wara l-għeluq tal-provi tal-appellat, is-soċjetà appellanta lanqas biss talbet awtorizzazzjoni sabiex tressaq eċċezzjonijiet ulterjuri. Qal li minflok hija baqgħet timmodifika u żżid mal-verżjoni tagħha *strada facendo,* mingħajr ma kkommettiet ruħha għal linja ta' difiża formali. Qal li per eżempju Johann Schembri ppreżenta *affidavit* ulterjuri fl-udjenza tat-12 ta' Jannar, 2021, wara li s-soċjetà appellanta kellha l-opportunità li tisma' u tivvaluta x-xhieda tan-Nutar Reuben Debono in kontro-eżami fl-udjenza ta' qabel.

22. L-appellat qal li s-soċjetà appellanta qiegħda tipprova xxejjen dak li ġie dikjarat u pattwit bejn il-partijiet fil-konvenju formanti l-mertu ta' dawn il-proċeduri, u staqsa għal liema raġuni s-soċjetà appellanta naqset milli tressaq eċċezzjonijiet relattivi għas-simulazzjoni parzjali fuq il-konvenju u l-konsegwenti dikjarazzjoni falza da parti tan-Nutar Reuben Debono, u għall-pagament tal-ammonti kostituttivi s-salarju mensili utilizzati għall-ħlas tad-depożitu mill-appellat fuq il-konvenju relattiv. L-appellat qal li mhux minnu li n-

Nutar Debono kiteb fil-konvenju li d-depożitu ngħata għaliex kienet qiegħda ssir xi tpaċija, u fil-fatt fuq il-konvenju in kwistjoni tniżżel li l-prezz ta' €11,500 tħallas bħala depożitu akkont tal-prezz direttament lill-venditur li aċċetta u ħalla d-debita riċevuta. L-appellat qal li irrispettivament minn dak li ftakar in-Nutar Debono, s-soċjetà appellanta għażlet li ma tagħmel l-ebda riferiment għax-xhieda ċara u inekwivoka tal-istess Nutar Debono dwar dak li qalu u ftiehmu l-partijiet quddiemu dakinhar li ġie konkluż il-konvenju in kwistjoni, u senjatament għall-parti tax-xhieda tan-Nutar Debono, fejn dan qal li l-flus tad-depożitu kienu diġà fil-pussess tas-soċjetà appellanta. L-appellat qal li kuntrarjament għal dak li ġie allegat mis-soċjetà appellanta, għandu jirriżulta li x-xhieda tan-Nutar Debono tikkorrobora l-verżjoni tiegħu, jiġifieri li l-ħlas tad-depożitu sar minnu għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi. L-appellat qal li fid-dawl tal-konferma min-naħa tan-Nutar Debono li l-ħlas tad-depożitu sar fuq il-konvenju in kwistjoni, l-argumenti tas-soċjetà appellanta jimplikaw li l-istess Nutar Debono daħħal, jew ippermetta li tiddaħħal, dikjarazzjoni falza fl-istess konvenju.

23. L-appellat qal li l-allegazzjoni li huwa kien jitħallas parti mis-salarju tiegħu fi flus kontanti, saret għall-ewwel darba fit-tieni *affidavit* ta' Johann Schembri, jiġifieri wara li kienu taw id-depożizzjoni tagħhom xhieda oħra. Qal li din ix-xhieda mhix korroborata minn *payslips,* irċevuti jew FS3 forms, u lanqas mill-*affidavit* tal-*accountant* tas-soċjetà appellanta ma tirriżulta xi informazzjoni f'dan ir-rigward. Qal li lanqas l-allegazzjoni li kien hemm xi ftehim bejn il-partijiet biex l-appellat jirritorna l-flus tal-paga lis-soċjetà appellanta, m'hija korroborata minn xi forma ta' skrittura li tirregola dan l-obbligu. L-appellat qal li din l-allegazzjoni ma ssemmietx mis-soċjetà appellanta *in limine litis,* u s-

soċjetà appellanta lanqas ma resqet xi pretensjoni f'dan ir-rigward permezz ta' xi ittra uffiċjali risponsiva wara li ġiet notifikata bl-ittra uffiċjali mibgħuta lilha mill-appellat, u s-soċjetà appellanta lanqas ma ppreżentat xi ittra legali jew uffiċjali sabiex tesiġi l-ħlas ta' dan id-debitu, u lanqas ma ppreżentat xi kontro-talba f'dawn il-proċeduri.

24. L-appellat qal li għalhekk għandu jiġi deċiż li l-allegazzjonijiet tas-soċjetà appellanta mhumiex verosimili. Qal li l-punt tat-tluq għandu jkun dak li ġie stipulat fil-konvenju, *pacta sunt servanda,* u kien l-oneru tas-soċjetà appellanta li tipprovdi provi ċari, sodisfaċenti u konkludenti sabiex tikkonvinċi lill-Qorti tagħti tifsira oħra jew ma żżommx ma' dak li ġie espressament iddikjarat u pattwit. L-appellat qal li in vista taċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, kif ukoll tal-fatt li s-soċjetà appellanta ma indikat l-ebda linja ta' difiża *in limine litis* u ma ppreżentat l-ebda eċċezzjoni ulterjuri fil-mertu, huwa jsostni li wara li teżamina l-atti proċesswali, din il-Qorti ser tikkonferma l-apprezzament tal-fatti li għamlet l-ewwel Qorti.

25. L-appellat qal li s-soċjetà appellanta ma ressqet l-ebda eċċezzjoni dwar l-allegazzjoni tagħha li sar ħlas ta' depożitu minnha fl-ammont ta' €13,000 permezz ta' Ċedola ta' Depożitu, u fi kwalunkwe każ ma tressqet l-ebda prova f'dan ir-rigward. Qal li għalhekk f'każ li din il-Qorti tilqa' dan l-argument, huwa ser jiġi mċaħħad mid-*doppio esame.* L-appellat qal li l-fatt li s-soċjetà appellanta kienet għamlet depożitu bil-għan li jitneħħew l-effetti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, ma jneħħi xejn mill-fatt li f'każ li l-eżitu ta' dawn il-proċeduri jkun favorevoli għalih, ser ikunu għaddew diversi snin qabel ma huwa jkun intitolat jiżbanka l-flus li tħallsu minnu bħala depożitu fuq il-konvenju. L-appellat sostna

li dan id-dewmien għandu jissarraf fl-impożizzjoni ta' imgħax għall-benefiċċju tiegħu, ladarba huwa ġie mċaħħad mill-użu ta' flusu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

26. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravjiu mressqa mis-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet tal-appellat. L-aggravju ewlieni sollevat mis-soċjetà appellanta huwa dwar l-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti sabiex waslet għall-konklużjoni li s-soċjetà appellanta għandha tirrifondi s-somma ta' ħdax-il elf u ħames mitt Euro (€11,500) lill-appellat. Il-kontenzjoni ewlenija bejn il-partijiet hija dwar jekk l-appellat kienx ħallas is-somma ta' ħdax-il elf u ħames mitt Euro (€11,500), rappreżentanti l-għaxra fil-mija (10%) tal-prezz tal-bejgħ tal-appartament li s-soċjetà appellanta wiegħdet li tbiegħ lill-appellat permezz tal-konvenju in kwistjoni. L-appellat istitwixxa l-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti sabiex jirkupra l-flus li huwa jgħid li ħallas bħala depożitu, filwaqt li s-soċjetà appellanta eċċepiet biss li t-talbiet tal-appellat huma infondati fil-fatt u fid-dritt, għalkemm fl-istadju tal-ġbir tal-provi s-soċjetà appellanta qalet li d-depożitu li qiegħed jippretendi li jiġbor lura l-appellat qatt ma kien tħallas minnu, u li hija ma rċeviet l-ebda depożitu mal-att tal-konvenju. L-Ewwel Qorti għamlet evalwazzjoni dettaljata tal-provi li kellha quddiemha, sabiex waslet għall-konklużjoni li fil-fatt id-depożitu kien tħallas mill-appellat, u għalhekk ladarba l-kuntratt ta' bejgħ tal-appartament baqa' ma ġiex ippubblikat, is-soċjetà appellanta kellha tirrifondi lura dawn il-flus.

27. Is-soċjetà appellanta qalet li saret inġustizzja manifesta magħha, minħabba l-mod kif il-Qorti interpretat il-provi li kellha quddiemha. Qalet li l-

appellat kellu l-obbligu li jipprova dak li kien qiegħed jallega, u hija fl-ebda waqt ma ammettiet li kien hemm xi tpaċija ta' djun reċiproċi, kif ikkonkludiet l-ewwel Qorti, u kien l-appellat li qal li l-ħlas għall-appartament, inkluż id-depożitu, kellu jsir bi tpaċija max-xogħol magħmul minnu. Is-soċjetà appellanta qalet li ladarba min jallega jrid jipprova, kien jinkombi fuq l-appellat li jipprova li huwa ħallas l-ammonti li qiegħed jippretendi li għandhom jitħallsu lura lilu, u li fil-fatt l-appellat ma ħallas xejn fuq l-att tal-konvenju. Qalet li kien in-Nutar Debono li rrefera għat-tpaċija li saret bejn il-partijiet, u min-naħa tiegħu dan ix-xhud indipendenti kkonferma li quddiemu la għaddew ċekkijiet u lanqas flus oħra. Is-soċjetà appellanta qalet li kien hemm numru ta' ċekkijiet li ngħataw lill-appellat bħala ħlas għax-xogħol tiegħu, u minkejja li l-appellat wiegħed li ser jirritorna dawn iċ-ċekkijiet fuq il-konvenju, l-appellat sarraf dawn iċ-ċekkijiet filwaqt li lilha m'għaddielha l-ebda ħlas la fi flus kontanti u lanqas permezz ta' ċekkijiet. Qalet li l-appellat ma kienx kredibbli meta l-ewwel qal li l-prezz tal-appartament kellu jiġi paċut mal-ħlas tal-appalt esegwit minnu, u sussegwentement qal li huwa kien irritorna seba' ċekkijiet li ngħatawlu minn Jocas Limited bħala salarju, u magħhom żied xi flus kontanti. Is-soċjetà appellanta qalet li quddiem l-ewwel Qorti la nġabet prova li kien hemm tpaċija, u lanqas li l-appellat ħallas l-ammont ta' flus li qiegħed jippretendi lura, u l-ewwel Qorti ma kellhiex raġuni għalfejn ma temminx il-verżjoni ta' Johann Schembri.

28. Il-Qorti tirrileva li fi kwalunkwe każ, sabiex tassigura li ssir ġustizzja mal-partijiet li jidhru quddiemha, hija teżamina l-provi li jkunu tressqu quddiem l-ewwel Qorti, mhux sabiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni li tkun diġà ġiet eżerċitata mill-ġudikant fl-ewwel istanza ma' dik tagħha, iżda sabiex tassigura li l-ebda inġustizzja manifesta ma titwettaq. Fil-każ odjern kellha raġun l-ewwel

Qorti tgħid li l-linja difensjonali li ntgħażlet mis-soċjetà appellanta kienet waħda ġenerika u mhux speċifika, u dan in vista tal-fatt li fir-risposta tagħha l-appellanta qalet biss li t-talbiet tal-appellat huma infondati fil-fatt u fid-dritt, mingħajr ma qalet għal liema raġuni dawn it-talbiet huma infondati. Kien biss meta għażel li jixhed bil-mezz tal-*affidavit* ir-rappreżentant tas-soċjetà appellanta, li beda jissemmi għall-ewwel darba li mal-iffirmar tal-konvenju ma tħallas l-ebda depożitu, la fil-forma ta' ċekkijiet u lanqas fi flus kontanti. Hawnhekk għandu raġun l-appellat jgħid li kien biss mix-xhieda ta' Johann Schembri li huwa sar jaf għall-ewwel darba li kien hemm reżistenza għat-talbiet tiegħu.

29. Il-Qorti qieset li fil-konvenju ffirmat bejn il-partijiet ġie pattwit illi:

> *"Bil-prezz bonarjament konvenut bejn il-partijiet ta' €115,000, liema prezz ser jitħallas in kwantu għal €11,500 preżenzjalment bħala depożitu akkont tal-prezz direttament lill-venditur li jaċċetta u jħalli d-debita riċevuta*."

L-appellat fix-xhieda tiegħu spjega kif huwa kellu jakkwista l-appartament fi stat *finished* bil-prezz ta' €130,000, u sabiex ikun jista' jixtri dan l-appartament huwa kien talab għal self mill-bank fl-ammont ta' €117,000. L-appellat fix-xhieda tiegħu qal li huwa ħallas id-depożitu dovut mal-att tal-konvenju billi rritorna seba' ċekkijiet li ngħataw lilu bħala salarju minn Jocas Limited, li hija kumpannija li d-direttur tagħha huwa Johann Schembri, liema ċekkijiet kienu ta' €1,700 kull wieħed, filwaqt li ħallas ukoll bilanċ ta' €1,100 fi flus kontanti. L-appellat xehed ukoll li kien Johann Schembri li qallu biex ma jsarrafx iċ-ċekkijiet tas-salarju li kien qiegħed jirċievi, sabiex ikun jista' jippreżenta l-istess ċekkijiet waqt il-konvenju u bihom ikopri l-ħlas tad-depożitu. Fix-xhieda tiegħu l-appellat

kompla jispjega kif hu u Johann Schembri spiċċaw tlewmu bejniethom waqt li l-appellat kien għadu għaddej bix-xogħol fuq il-blokka ta' appartamenti tas-soċjetà appellanta, u kien hemm xi persuni li qalulu li Johann Schembri bagħathom jaraw l-appartamenti bi tliet kmamar tas-sodda li kienu qed jinbnew. Ir-relazzjoni ta' ħbiberija u ta' xogħol li kien hemm bejn il-partijiet inkisret, tant hu hekk li l-appellat qal li sab is-serraturi tal-blokka mibdulin u lanqas biss seta' jirtira minn hemmhekk l-affarijiet personali tiegħu bħall-għodda. Qal ukoll li wara dan l-inċident Johann Schembri waqqfu milli jkompli bix-xogħol fuq il-blokka, kif ukoll waqqfu mill-impjieg li kellu mal-kumpannija tiegħu.

30. Xhud importanti li ta d-depożizzjoni tiegħu quddiem l-ewwel Qorti kien in-Nutar Debono, li qal li s-soċjetà appellanta kellha fil-pussess tagħha xi flus tal-appellat, għaliex il-partijiet kienu jaħdmu flimkien, u qal li dakinhar li ġie ffirmat il-konvenju, il-flus tad-depożitu kienu diġà fil-pussess tas-soċjetà appellanta. Qal li l-partijiet stess qalulu li d-depożitu kien qiegħed għand is-soċjetà appellanta u kien għalhekk li waqt l-iffirmar tal-konvenju m'għaddew l-ebda flus u lanqas ċekkijiet quddiemu.

31. Johann Schembri xehed li l-ftehim bejn il-partijiet kien li Jocas Limited kellha toħroġ iċ-ċekkijiet tal-paga dovuta lill-appellat, u li dawn l-istess ċekkijiet kellhom jiġu ppreżentati waqt l-iffirmar tal-konvenju. Qal li dawn iċ-ċekkijiet qatt ma ngħataw lis-soċjetà appellanta, u l-appellat kien sarrafhom u żamm il-flus għalih. Quddiem xhieda daqstant kontrastanti u daqstant konfliġġenti, l-Qorti fil-konsiderazzjonijiet tagħha, ikollha ddur fuq in-natura tal-eċċezzjonijiet sollevati mill-parti konvenuta sabiex tkun tista' tevalwa l-linja difensjonali li

titqajjem għat-talbiet tal-parti attriċi. F'dan il-każ, is-soċjetà appellanta eċċepiet biss li t-talbiet tal-appellat huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u kien biss wara li xehed in-Nutar Debono li rappreżentant tas-soċjetà appellanta allega li s-soċjetà appellanta qatt ma rċeviet il-flus tad-depożitu. Il-Qorti tqis li l-aħjar prova li setgħet tinġieb fil-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti kienet il-verżjoni tal-fatti mogħtija min-Nutar Debono, li minkejja li qal li waqt l-iffirmar tal-konvenju la għaddew ċekkijiet u lanqas flus kontanti, ikkonferma li kienu l-partijiet li infurmawh li s-soċjetà appellanta kellha fil-pussess tagħha flus appartenenti lill-appellat, u li waqt l-iffirmar tal-konvenju d-depożitu kien diġà fil-pussess tagħha. Kienu l-partijiet infushom għalhekk li kkonfermaw man-Nutar Debono li d-depożitu kien diġà tħallas. Prova aħjar minn din ma nġabitx, għalkemm meta l-Qorti analizzat dak kollu li mmaterjalizza quddiem l-ewwel Qorti jkollha tasal għall-istess konklużjoni li x-xhieda mogħtija minn Johann Schembri ma tantx hija affidabbli, partikolarment minħabba fil-mod kif hu naqas milli jirreferi għal xi diżgwid li kien hemm bejn il-partijiet, għalkemm l-appellat irrefera għat-tilwim li nqala' bejniethom b'mod estensiv fl-*affidavit* tiegħu. Il-Qorti kkonsidrat ukoll li dak li stqarr Johann Schembri, li l-appellat beda jitħallas is-salarju dovut lilu permezz ta' ċekkijiet għaliex kien ser jieħu self mill-bank, ma tantx huwa kredibbli, u dan għaliex biex jiġi approvat is-self bankarju ta' persuna, l-bank normalment iqis li l-individwu li japplika għas-self ikollu dħul fiss u jkun qiegħed jagħmel depożiti tas-salarju tiegħu b'mod regolari. Għaldaqstant ma tantx huwa kredibbli li jingħad li kien hemm ftehim bejn il-partijiet, li l-appellat kellu jippreżenta l-istess ċekkijiet li ngħatawlu bħala salarju dakinhar li jiġi ffirmat il-konvenju. Il-Qorti tqis ukoll li Johann Schembri aċċenna għall-fatt li l-appellat sarraf iċ-ċekkijiet, meta din kienet xi ħaġa li dan

tal-aħħar kellu kull dritt li jagħmel, stante li qabel l-iffirmar tal-konvenju bejn il-partijiet ir-relazzjoni bejniethom kienet dik ta' prinċipal u impjegat, u għalhekk kien hemm ħlas ta' salarji li kienu dovuti lill-appellat.

32. In vista ta' dawn in-nuqqasijiet fil-kwalità u fil-kwantità tal-provi miġjuba, l-Qorti jkollha tirrikorri għas-sustanza tax-xhieda tal-uniku xhud indipendenti li tressaq mill-partijiet, jiġifieri n-Nutar Debono li rrediġa l-konvenju, li ftakar li l-partijiet kienu qalulu li d-depożitu kien diġà tħallas lis-soċjetà appellanta. Il-Qorti tosserva wkoll li kieku dan ma kienx il-każ, aktarx r-rappreżentant tas-soċjetà appellanta kien joġġezzjona għall-inklużjoni ta' klawsola bħal din fil-konvenju, u ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn jiġi ddikjarat li l-flus tad-depożitu tħallsu jekk dan ma kienx il-każ. Huwa għalhekk li fi proċeduri ta' din ix-xorta l-Qorti toqgħod fuq il-bilanċ tal-probabbilitajiet ta' dak li seħħ, għaliex f'xenarju fejn il-pożizzjoni tal-partijiet rispettivi hija daqstant konfliġġenti u kontrastanti, il-Qorti trid tiddeċiedi xorta waħda fuq dak li jirriżulta mill-atti. Għaldaqstant, l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta li qalet li fil-fehma tagħha l-ewwel Qorti m'għamlitx apprezzament korrett tal-provi li kellha quddiemha, qiegħed jiġi miċħud, għaliex din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni li ngħatat mill-ewwel Qorti u fil-loġika li ntużat sabiex ġew deċiżi t-talbiet li kellha quddiemha dik il-Qorti.

33. Is-soċjetà appellanta resqet wkoll aggravju fir-rigward tad-deċiżjoni tal-ewwel Qorti li l-ħlas tal-imgħax fuq l-ammont likwidat għandu jiġi kkomputat b'effett mit-8 ta' Marzu, 2018, u dan għaliex is-soċjetà appellanta kienet għamlet ċedola ta' depożitu fl-ammont ta' €13,000 in kawtela u bħala garanzija għall-pretensjonijiet tal-appellat.

34. Il-Qorti hawnhekk tirrileva li minkejja li s-soċjetà appellanta tiċċita n-numru taċ-ċedola, u tgħid li ddepożitat l-ammont sħiħ pretiż mill-appellat f'dawn il-proċeduri, ma nġabet l-ebda prova ta' din iċ-ċedola la quddiem l-ewwel Qorti u lanqas f'din l-istanza. Barra minn hekk, huwa biss f'dan l-istadju tal-appell li s-soċjetà appellanta qiegħda tagħmel riferiment għal xi flus iddepożitati minnha taħt l-awtorità tal-Qorti sabiex tikkawtela l-pożizzjoni tagħha għall-eventwalità jiġi deċiż li t-talbiet tal-appellat għandhom jiġu akkolti. L-oneru tal-prova f'dan il-każ kien imiss lis-soċjetà appellanta, u l-Qorti tqis li din il-prova baqgħet ma nġabitx. Quddiem in-nuqqas ta' prova bħal din, il-Qorti tqis li m'għandha xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti li l-ħlas tal-imgħax huwa dovut b'effett mit-8 ta' Marzu, 2018. Kienet għażla tas-soċjetà appellanta li ma għamlet l-ebda riferiment għal dan l-allegat depożitu min-naħa tagħha qabel l-istadju tal-appell, u għalhekk ċaħħdet lilha nnifisha mill-opportunità li titħalla tippreżenta kopja ta' tali ċedola ta' depożitu qabel tingħata d-deċiżjoni tal-Qorti. Mhux ġust li allegazzjoni bħal din titħalla għall-istadju tal-appell, u li parti tistenna lill-Qorti tal-Appell tagħti l-ġudizzju tagħha fuq aggravju bħal dan, meta la nġabu provi u lanqas ma saru sottomissjonijiet dwar dan quddiem l-ewwel Qorti. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**